**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 14 ta' Marzu, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Eliman Seck**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Eliman Seck detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 08II-005

Akkuzat talli b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda bejn is-sena 2013 u 2015 f' dawn il-gzejjer meta kellu

fil-pussess tieghu dokument mahrug minn awtorita' kompetenti, u cioe' ID Card Maltija 55736A f' isem Suleymane Sane, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie ttrasferit lilu minn persuna ohra (Kap 9 Sec. 18 u Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioe' dak diga' imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli fis-sens 2015 gewwa dawn il-gzejjer ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Lulju, 2015 (esebit a fol. 25 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Marzu, 2016 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba

tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri izda kkunsidrat ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif spjegati mill-Prosekuzzjoni u jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva anki jekk fil-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Art. 32(1)(c) tal-Kap 217 u l-Art 18 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti tordna konfiska u distruzzjoni ta' dokument VA 1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

## MAGISTRAT